

Użu ħażin ta' trasport marittimu f'kontejners fil-kummerċ globali ta' oġġetti ffalsifikati

Sommarju Eżekuttiv



Sommarju Eżekuttiv

Il-kummerċ ta' oġġetti ffalsifikati jirrappreżenta riskju soċjoekonomiku dinji li ilu jeżisti u li qed jikber li jhedded il-governanza pubblika effettiva, in-negożju effiċjenti u l-benesseri tal-konsumaturi. FI-istess ħin, qed isir sors kbir ħafna ta' dħul għal gruppi tal-kriminalità organizzata. Jagħmel ukoll ħsara lit-tkabbir ekonomiku, billi jdgħajjef kemm id-dħul tan-negożji kif ukoll l-inċentiv tagħhom li jkunu innovattivi.

Prodotti ffalsifikati u pirata għandhom it-tendenza li jiġu trasportati prattikament b'kull mezz ta' trasport. F'termini tan-numru ta' sekwestri, it-traffikar tal-prodotti ffalsifikati permezz ta' pakketti żgħar qed jikber u qed isir problema sinifikanti f'termini ta' infurzar; madankollu, f'termini ta' valur, huwa ċar li l-prodotti ffalsifikati ttrasportati fuq bastimenti tal-kontejners jiddominaw.

F'dawn l-aħħar deċennji, il-kontejners saru l-mezz universali kif l-oġġetti jiġu aggregati f'merkanzija standardizzata u uniformi. L-introduzzjoni tal-kontejners ġabet bidla rivoluzzjonarja għat-trasport li offriet possibbiltajiet loġistiċi ġodda, ingħatat spinta lill-effiċjenza u tnaqqset ħafna l-ispiża ġenerali tal-kummerċ internazzjonali. FI-istess ħin, il-kuntribandisti sabuha attraenti, meta jitqies kemm hu faċli li jiġu mgħobbija mhux biss prodotti ffalsifikati, iżda wkoll narkotiċi u tipi oħra ta' kuntribandu, u saħansitra migranti mingħajr dokumenti fil-kontejners, u kemm dan jinvolve f'it riskju.

Id-*data* disponibbli tikkonferma l-intensità għolja tal-użu taħżin tat-trasport marittimu f'kontejners mill-falsifikaturi. L-analiżi f'dan ir-rapport tuża żewġ tipi ta' *data*. L-ewwel waħda hija informazzjoni dwar il-kummerċ ta' oġġetti ffalsifikati, li hija bbażata fuq *data* doganali dwar sekwestri ta' oġġetti ffalsifikati miksuba mill-Organizzazzjoni Dinjija Doganali, mid-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali u mill-Aġenzija tal-Istati Uniti għall-Protezzjoni Doganali u tal-Fruntieri (CBP). It-tieni waħda tinkludi *data* dwar il-kummerċ b'bastimenti tal-kontejners mill-bażi tad-*data* tal-Forum Internazzjonali tat-Trasport (ITF) tal-OECD, il-Comext tal-Eurostat, u indikazzjoni dwar it-trasport marittimu f'kontejners żviluppata mill-UNCTAD (il-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp).

Rieżami tad-*data* wera li, filwaqt li l-oġġetti numru ta' sekwestri doganali ta' prodotti ffalsifikati u pirata kien minn pakketti tal-posta, it-trasport bil-baħar ammonta għall-akbar valur sekwestrat. FI-2016, il-bastimenti tal-kontejners ġarrew 56 % tal-valur totali ta' prodotti ffalsifikati ssekwestrati.

L-oġġetti numru ta' konsenji ffalsifikati oriġinaw fil-Lvant tal-Asja, biċ-Ċina u Hong Kong (iċ-Ċina) fil-quċċata tal-klassifika. L-Indja, il-Malasja, il-Messiku, Singapore, it-Tajlandja, it-Turkija u l-Emirati Għarab Magħquda għadhom ukoll fost l-ekonomiji ta' provenjenza ewlenin għall-oġġetti ffalsifikati u pirata nnegożjati fid-dinja kollha matul il-perjodi taħt kunsiderazzjoni.

Analiżi addizzjonali li twettqet għall-Unjoni Ewropea wriet li aktar minn nofs il-kontejners ittrasportati fl-2016 minn bastimenti minn ekonomiji magħrufa li huma sorsi kbar ħafna ta' oġġetti ffalsifikati daħlu fl-UE mill-Ġermanja, min-Netherlands u mir-Renju Unit. Hemm ukoll xi pajjiżi tal-UE, bħall-Bulgarija, ir-Rumanija, il-Kroazja u l-Greċja, b'volumi relattivament baxxi ta' kummerċ tal-kontejners b'mod ġenerali, iżda b'livell għoli ta' importazzjonijiet minn ekonomiji b'ammont kbir ta' oġġetti ffalsifikati.

Żviluppi fl-infrastruttura li jinsabu għaddejnin u li huma ppjanati fl-UE jistgħu jibdlu b'mod sinifikanti x-xejriet tal-importazzjonijiet ta' oġġetti foloz permezz tal-kontejners. L-inizjattiva Ċiniża "Belt and Road" hija ta' rilevanza partikolari f'dan il-kuntest, peress li tista' tirriżulta f'żieda sostanzjali fid-dħul ta' prodotti ffalsifikati fl-Unjoni Ewropea fuq bastimenti tal-kontejners minn portijiet fir-reġjun tal-Mediterran.

Sabiex jiġi miġġieled il-kummerċ illeċitu, numru ta' metodi ta' valutazzjoni tar-riskju u ta' mmirar ġew adattati għat-trasport marittimu f'kontejners, b'mod partikolari biex jimmiraw lejn il-kummerċ illeċitu fin-narkotiċi u fl-oġġetti perikolużi u pprojbiti. Madankollu, jidher li l-kummerċ illeċitu fl-oġġetti ffalsifikati ma kienx prijorità għolja għad-dwana, peress li l-konsenji ta' oġġetti ffalsifikati spiss jiġu pperċepiti bħala "ksur tar-regoli tal-kummerċ" aktar milli attività kriminali. Konsegwentement, l-isforzi tal-infurzar eżistenti jistgħu ma jkunux adattati biżżejjed biex iwiegħbu għal dan ir-riskju.

Saru xi sforzi mill-industrija biex tissaħħaħ il-koordinazzjoni, biex tiġi miġġielda t-treddida tal-kummerċ illeċitu fit-trasport marittimu. Eżempju tajjeb huwa d-"dikjarazzjoni ta'intenzjoni", fejn is-sidien ta' ditti magħrufa, l-operaturi tal-bastimenti u l-ispedizzjoniera tal-merkanzija ħadmu flimkien biex jiżviluppaw linji gwida volontarji għas-sensibilizzazzjoni tal-importanza li tinġabar biżżejjed informazzjoni dwar il-partijiet li jużaw is-servizzi tat-trasport marittimu tagħhom. Jidher li hemm lok konsiderevoli għal titjib f'dan ir-rigward.